**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**Parti A**

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. l-atti meħtieġa biex titlob it-tħassir, fl-interess ta' kreditur, ta' kuntratt ta' trasferiment favur terzi ta' proprjetà tad-debitur li sar b'qerq tal-jeddijiet tal-kreditur.
2. l-atti meħtieġa biex (a) tifdi ċens perpetwu rivedibbli; u (b) biex l-*ex*-direttarju jiżbanka l-prezz tal-fidwa. Fisser ukoll x'effett ikollha l-fidwa fuq (i) servitù ta' mogħdija li tolqot il-proprjetà mifdija u (ii) obbligazzjoni, stipulata fil-kuntratt oriġinali li bih inħolqot l-enfitewsi, biex isiru benefikati fuq l-istess proprjetà.
3. (a) tweġiba għal talba għat-tħassir ta' sentenza ta' żgumbrament favur il-klijent tiegħek mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi (art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili); u (b) tweġiba għal talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri ta' ritrattazzjoni.
4. (a) ittra ġudizzjarja għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq biex jinkiseb titolu esekuttiv taħt l-art. 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u (b) ittra ġudizzjarja biex issejjaħ lil min għamel wegħda ta' bejgħ ta' immobbli lill-klijent tiegħek sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ.
5. l-att meħtieġ biex issir talba għal rimedju għax il-klijent tiegħek igħid illi nkiser il-jedd tiegħu għat-tgawdija ta' ħwejġu mħares taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.
6. appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati illi ikkundannat lill-klijent tiegħek għal xahrejn priġunerija għax naqas milli jħallas lil martu s-somma stipulata f'kuntratt ta' separazzjoni personali bħala manteniment għaliha u għal uliedhom.

ikompli

**Parti B**

Wieġeb għal mistoqsija wieħda biss minn dawn li ġejjin:

1. (a) X'miżuri għandu jimplimenta avukat biex jara illi s-servizzi tiegħu ma jinqediex bihom min ifittex li jaħsel flus ġejjin minn attivitjiet illeċiti u (b) x'għandu jagħmel avukat meta jintebaħ, wara li jkun beda jassisti klijent, li dak il-klijent qiegħed jinqeda bis-servizzi tiegħu għall-ħasil ta' flus?

2. Sa fejn jista', jekk jista', avukat jagħti pubblicità lill-uffiċċju professjonali tiegħu?

3. X'għandu jagħmel avukat jekk klijent jitolbu jappella minn sentenza kontra tiegħu għalkemm il-klijent stess jaf illi ma għandux raġun u l-appell irid jagħmlu biss biex jaħli ż-żmien u jivvessa lill-parti l-oħra?